MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012

Rikors Numru. 116/2012

**Louis u Josephine konjugi Farrugia**
**(karta ta’ l-identita` numru 870552 (M)) u 495853 (M) rispettivament)**

**vs**

**Anthony u Maria konjugi Cassar**
**(karta ta’ l-identita` numru 651856 (M) u 153063 (M) rispettivament)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat datat it-3 ta’ Frar, 2012, li permezz tieghu ir-rikorrenti sintetikament ippremettew is-segwenti:

1. Illi permezz ta’ sentenza datata t-13 ta’ Marzu, 2000, l-intimati fuq indikati kienu kkundannati biex ihallsu lir-rikorrenti s-somma komplessiva ta’ elfejn, erba’ mija u hamsin Lira Maltin, (LM2,450.00), bl-ispejjez hemm

dedotti u bl-imghaxijiet mill-1 t'Awwissu, tal-1998 sad-data tal-effettiv pagament;

2. Illi l-imghax involut mid-data tas-sentenza fuq riferita sad-data tal-prezentata tar-rikors promotur fil-procedura odjerna jammonta ghal hamest elef, erba' mija u erbgha u ghoxrin Ewro u hamsa u hamsin centezmu, (€5,424.50), u l-ispejjez skont it-taxxa ufficcjali jammonta ghal seba' mija u sitt Ewro u sbatax –il centezmu, (€706.17);

3. Illi nonostante li l-intimati fuq indikati gew interpellati diversi drabi biex ihallsu l-ammont dovuti, ghazlu li jibqghu moruzi;

4. Illi ghaddew aktar minn ghaxar (10) snin minn meta s-sentenza fuq indikata setghet giet esegwita u ghalhekk kellha tigi adottata l-procedura taht l-artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi konsegwentement ir-rikorrenti de quo qed jitolbu lil din il-qorti s-segwenti:

i. Illi tawtorizza l-esekuzzjoni tas-sentenza tat-13 ta' Marzu, 2000, fuq imsemmija;

ii. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif hemm dedotti sad-data tal-effettiv pagament;

Ezaminat id-dokumenti kollha annessi mal-istess rikors promotur;

Tirreferi ghall-verbal tal-5 ta' Lulju, 2012, fejn jirrizulta li l-intimat Anthony Cassar kien fi stat ta' kontumacja;

Tirrileva li anke l-istess ko-intimata Maria Cassar tinsab ukoll fi stat ta' kontumacja stante li ghalkemm notifikata ghazlet ukoll li ma twegibx fit-terminu lilha koncess skont il-ligi;

Semghet lix-xhud prodott;

Ikkunsidrat:

Illi r-rikors guramentat promotur gie ulterjorment ikkonfermat mix-xhud prodott, ir-rikorrenti Farrugia, li sintetikament jikkonferma s-segwenti:

1. Illi a bazi ta’ sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Louis u Josephine konjugi Farrugia vs Anthony u Maria konjugi Cassar, datata t-13 ta’ Marzu, 2000, il-konvenuti hemm indikati – l-intimati odjerni – gew ikkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ekwivalenti ghal hamest elef, seba’ mija u sitt Ewro u sitta u disghin centezmu, (€5,706.96), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet hemm dedotti mill-1 t’Awwissu, 1998, sad-data tal-effettiv pagament;

2. Illi l-imghax involut sad-data tal-prezentata tar-rikors in dizamina, (it-3 ta’ Frar, 2012), jammonta ghal hamest elef, erba’ mija u erbgha u ghoxrin Ewro u hamsa u hamsin centezmu, (€5,424.55);

3. Illi l-ispejjez debitament ufficcjalment intaxxati ghall-procedura *de quo* jammontaw ghal seba’ mija u sitt Ewro u sbatax –il centezmu, (€706.17);

4. Illi tul dawn is-snin kollha jirrizulta li l-intimati Cassar dejjem evadew ir-responsabbilita` taghhom hemm kurjalment determinata u dan, minghajr ma jittentaw iressqu raguni valida skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprovaw il-kaz taghhom skont il-ligi u konsegwentement filwaqt li takkolji t-talbiet tar-rikorrenti Farrugia:

1. Tawtorizza l-esekuzzjoni ta’ sentenza tat-13 ta’ Marzu, 2000, fuq citata bl-ispejjez u bl-imghaxijiet hemm dedotti;

2. Tiddikjara li l-intimati Anthony u Maria Cassar huma debituri tar-rikorrenti Louis u Josephine Farrugia fl-ammont komplessiv ta’ hdax –il elf, tmien mija u sebgha u tletin Ewro u tmienja u sittin centezmu, (€11,837.68);

3. Tikkundanna lill-intimati Cassar fuq riferiti biex ihallsu l-ammont komplessiv indikat fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti Farrugia fuq ukoll gia` riferiti;

4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi, sal-effettiv pagament.

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------